ŻEBBUĠ

<u>Minuti</u> **tas-Seduta Nru. 03/07/2015**
***Kienet addottata Aġenda nru. 03/07/2015***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 9 ta' Ġunju 2015**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera**
- **Il-Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Marija Saliba – *Chairperson,* Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 02/07/2015

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 02/07/2015 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Il-Kunsillier Saliba talab biex isiru dawn il-korrezzjonijiet fil-minuti:
(i) Pg3 l-attivita` Giochi Senza Frontieri, Saliba qal hu ma oġġezzjonax, kien issuġġerixxa li l-isem tal-attivita` jkun bil-lingwa Maltija.

(ii) Pg3 l-ittra ta' Joseph Camilleri, ikun eliminat mill-minuti "Il-Kunsillier Saliba oġġezzjona li l-ittra ta' Camilleri tinqara u għandha titħalla għal seduta oħra. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet li titħalla għal seduta oħra" u minflok jitniżżel "Ġie deċiż li titħalla għal seduta oħra".

(iii) Pg5 *item* 6 Approvazzjoni tal-Kontijiet
Minflok "hu mhux qed japprova ċ-ċedola tal-pagamenti għax il-kolonna nru. tal-PO hija vojta" jitniżżel "staqsa l-prattika ta' PO kienetx għadha tintuża".

Il-Kunsill qabel mal-emendi proposti għall-minuti mill-Kunsillier Saliba. Saret korrezzjoni tal-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 02/07/2015

Dwar iż-żbir tal-bruk fl-*area* ta' Taħt ix-Xifer, il-Kunsill iddeċieda li ż-żbir tal-bruk isir minn Fortun Mifsud.

Ġie deċiż li l-laqgħa mas-Soċjeta` Filarmonika Santa Marija ssir nhar it-30 ta' Ġunju 2015 fis-7.30 ta' filgħaxija.

Dwar il-ftehim mal-Kumpanija Green MT għall-ġbir ta' skart riċikklabbli, is-Sindku qal ma jaqbilx li jkun iffirmat il-ftehim qabel il-Kumpanija Green MT tonora l-ftehim preċedenti.

## 4. MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN LAQGĦA BIN-NRU. 08/15

Il-Kunsillier Saliba staqsa dwar il-post vaganti fil-Kumitat Amministrattiv. Iċ-Chairperson għarrfet lill-kamra li l-Partit għandu l-informazzjoni tal-persuna interessata fil-post.

Dwar rapport li sar mal-Pulizija fuq tabella ta' Maurice Gelateria, il-Kunsillier Saliba qal għal fini ta' rekords kellu jitniżżel fil-minuti, wara ilmenti li rċieva l-Kumitat / Kunsill.

Dwar il-*bring-in site* ta' Triq il-Forn, il-Viċi Sindku qal il-Kumitat għandu jerġa' jikkunsidra d-deċiżjoni li ħa dwar il-post tal-*bring-in site*.

Il-Kunsillier Saliba staqsa dwar ir-rapport b' konnessjoni ma' *scaffolding* armat fi Triq il-Qbajjar.
Is-Segretarja Eżekuttiva qalet id-deċiżjoni ttieħdet wara li saru l-verifiki meħtieġa u nstab li l-i*scaffolding* kien armat bla permess.

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. 08/2015 tat-Tlieta 2 ta' Ġunju 2015 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

Is-Sindku ssospenda l-Aġenda biex indirizza lill-Kunsill Louis Zammit ta' Seagulls dwar is-suġġeriment li ressaq biex issir *road hump* fi Triq ix-Xwejni.

Dwar il-problema tal-*overspeeding* fi Triq ix-Xwejni, ġie deċiż li l-Perit jintalab jagħmel studju biex tinsab soluzzjoni tajba.

## 5. KORRISPONDENZA

Din il-korrispondenza ttieħdet bħala moqrija:

Ittra mibgħuta mill-Ministeru tat-Turiżmu – Eden Malta: *A taste of the Mediterranean.*

Ittra mibgħuta mis-Sanita` dwar tabelli għawm tal-klieb fix-Xwejni.

Petizzjoni dwar l-għawm tal-klieb u ż-żwiemel fix-Xwejni.
Il-Kunsillier Saliba ppropona li fil-bajjiet tagħna m' għandux isir għawm tal-klieb u ż-żwiemel. Il-Kunsillier Cassar issekonda. Qbil unanimu.
Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li l-petizzjoni tintbagħat lis-Segretarju Parlamentari għal Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali u kkupjata lill-Ministru għal Għawdex u s-Sanita`.

Inqrat ittra ta' Joseph Camilleri, eks Kunsillier dwar tarmak li kien sar fi Triq Għajn Mhelhel u *double yellow lines* fi Triq Skapuċċina.

## 6. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. 32/2015 – is-Sur Nardu Zammit**
Talab biex jinbena ħajt tat-triq imwaqqa' fi Triq Ta' Tutiet. Kien miftiehem li ngħaddu t-talba lis-CMU.

**Nru. 33/2015 – is-Sur Toni Saliba**
Biex jinqata' l-ħaxix fi Triq Wied l-Infern u jsir it-traqqiegħ tat-triq.
Il-Kunsill approva :

- l-qtugħ tal-ħaxix fi Triq Għajn Mhelhel, Triq is-Sagħtrija, Triq tal-Kanun, Triq Wied l-Infern, Triq Daħlet tal-Merżuq, Triq Wied l-Abjad, Triq Ta' Gernew, Triq Ta' Tutiet, Triq taċ-Ċaqra u Triq Ta' Ċikku.
- *sandblasting* tal-blata tal-Munġutar; jagħmel ix-xogħol Joe Saliba.

Kien miftiehem li ssir stima tax-xogħol ta' traqqiegħ fi Triq is-Sagħtrija u Triq Wied l-Infern.

Il-Viċi Sindku ppropona li ssir bankina fi Triq Għajn Mhelhel, mill-grawnd l' isfel sal-blata tal-Munġutar. Il-Kunsill iddeċieda li l-Perit joħroġ stima u l-proposta tkun attwata meta l-finanzi tal-Kunsill ikunu jippermettu.

**Nru. 34/2015 – is-Sindku s-Sur Nicky Saliba**
Ressaq dawn il-proposti:

- biex il-linji tal-Korp Enemalta fi Pjazza l-Assunta jsiru *underground*. Il-Perit joħroġ stima tax-xogħol.
- restawr tal-kanuni ta' Pjazza l-Assunta. Tintalab stima lil Mario Agius biex isir ir-restawr tal-kanuni.

**Nru. 36/2015 – is-Sinjura Antoinette Cini**
Tiswija ta' taraġ tal-konkos fl-*area* ta' Taħt ix-Xifer. Xogħol ta' tiswija approvat.

**Nru. 37/2015 – il-Kunsillier Christian Cassar**
Ippropona li:

- l-moll tax-Xwejni maġenb is-*slipway* tiżdiedlu qoxra bil-konkos biex jogħla l-fuq mill-ilma għax qed irabbi l-ħass. Issir *site visit* mal-Perit.
- għax-xhur tas-sajf, il-Kunsill jorganizza korsijiet ta' tagħlim bħal ħjata, pittura, bizzilla, etċ.

Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jsiru sessjonijiet ta' *story telling* għat-tfal.
Ġie deċiż li jinħareġ avviż mal-bullettin tal-parroċċa biex naraw l-interess tar-residenti f' dawn il-korsijiet.

**Nru. 38/2015 – is-Sur Louis Carnemolla**
Titwaħħal mera tat-traffiku quddiem ir-residenza 45 fi Triq Għajn Mhelhel, faċċata ta' sqaq. Talba approvata mill-Kunsill.

**Nru. 39/2015 – is-Sur Richard Axiaq**

Irrapporta ħsara li saret minn terżi persuni fi Triq Ħabel it-Twil. Il-Kunsill qabel li jipproċedi legalment.

Fuq talba tas-Sindku, il-Kunsill approva ż-żbir tal-bruk, il-qtugħ tal-ħaxix u t-tindif fil-Bajja tax-Xwejni; isir mill-Kumitat tal-Armar.

Il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba ppropona li:

- jsir arblu tal-*fibre* għall-lokalita` u dan jitqiegħed fl-inħawi tal-iskola.
- jitnaddaf il-passaġġ magħruf ta' Abram.
- tingħata tifkira, ritratt ta' Santa Marija lill-I*speaker* tal-Kamra tad-Deputati dak in-nhar tal-ħarġa ta' Malta.

Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa mill-Kunsillier Saliba.

Il-Viċi Sindku ppropona li jkun żviluppat *belvedere* taħt il-Qolla l-Bajda fix-Xwejni.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 02/2015 – DOK A għall-perijodu bejn l-14 ta' Mejju 2015 u l-5 ta' Ġunju 2015 li tammonta għal € 71,768.82 kienet approvata u ffirmata.

## 8. DEKASTERI

Is-Sindku ppropona li d-dekasteri lill-Kunsillieri jkunu mqassma hekk:

is-Sindku Nicky Saliba – Finanzi, Ambjent, Fondi speċjali, Inizjattivi, Riformi fil-komunita`, Proġetti ġenerali, Infrastruttura u Għaqdiet volontarji.

Il-Viċi Sindku Daniel Cordina – Indafa Pubblika u Servizzi bażiċi fil-komunita` (Enemalta / Servizzi tal-Ilma u oħrajn).

il-Kunsillier Christian Cassar – Saħħa u Sigurta`, Żgħażagħ u Sport, Edukazzjoni u Promozzjoni tal-lokalita`.

il-Kunsillier Chev. Carmelo Saliba – Kultura, Transport Malta, Anzjani u Protezzjoni taċ-ċittadin.

il-Kunsilliera Sandra Grech – Marsalforn, Turiżmu u Aspett soċjali.

Il-Kunsill unanimament qabel ma' kif proposta mis-Sindku.

## 9. MANUTENZJONI TA' TRIQ TA' ĊENĊ

Ġie deċiż li l-ilma nieżel mat-Triq Ta' Ċenċ jinġabar u jintafa' fl-għajn tal-ilma ta' Triq iż-Żebbuġ; xogħol isir minn Road Construction.

## 10. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill approva x-xiri ta' *barcode reader* għall-librerija.

Ġie deċiż li jsiru dawn is-sejħiet għall-offerti:

- għal kisi bit-tarmak ta' toroq.
- għal kostruzzjoni ta' bankini.
- għal manifattura u twaħħil ta' tabelli tat-traffiku.

## 11. AĠĠORNAMENT

Is-seduta ntemmet fit-8.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna s-seduta għat-Tlieta, 30 ta' Ġunju 2015 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Nicky Saliba<br>Sindku

Diane Tagliaferro<br>Segretarja Eżekuttiva